MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2006

Numru 760/2005

John Scicluna fil-kwalita` tieghu ta' Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta
vs
Doris Borg

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Keith Grech ghan-nom ta' Maltacom p.l.c. li bih ippremetta:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru. 733/90AD) kienet giet deciza mill-Qorti fil-21 ta' Novembru 1990, u fl-istess kawza l-konvenuta kienet giet ikkundannata thallas lill-Korporazzjoni Telemalta s-somma ta' LM315.05 (tlett mija u hmistax-il Lira u hames centezmi) bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi s-socjeta` rikorrenti kienet issuccediet lill-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk kellha interess fl-ezekuzzjoni ta’ din is-sentenza.

IIli mal-imsemmija somma riedu jizdiedu l-ammont ta’ Lm315.05 (tlett mija u hmistax-il Lira u hames centezmi) imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-21 ta’ Mejju 2005, oltre Lm135.54 (mija u hamsa u tletin Lira u erba’ u hamsin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxi prezentati mar-rikors u mmarkati Dok ‘A’ u ‘B’. Ghalhekk lammont dovut lis-socjeta` rikorrenti huwa ta’ Lm765.64 (seba’ mija hamsa u sittin lira u erba’ u sittin centezmu). Minn dawn kienet thallset biss is-somma ta’ Lm260 (mitejn u sittin Lira) u ghalhekk kien baqa’ bilanc ta’ Lm505.64 (hames mija u hames liri u erba’ u sittin centezmu) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal--pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt illi ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta talbet li l-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed Dr. Keith Grech li qal li mid-data tal-prezentata tar-rikors l-intimata ma hallset xejn u ghalhekk l-ammont ghadu dovut.

Rat illi l-intimata debitament notifikata u mghajjta tliet darbiet ma dehritx ghas-seduta tal-lum, u anqas ipprezentat risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti tawtorizza lill-istess socjeta` rikorrenti tezegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------